



Brussell, 17 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11787/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0140(COD)**

**CODEC 1355
INDEF 38
COPS 391
POLMIL 199
IND 385
MAP 38
COMPET 753**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-3 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ippreżentat lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 114 u 173(3) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Ġunju 2023².
3. Fit-13 ta' Lulju 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 8891/23.

² Għadha mhijiex ippubblikata fil-ĠU.

³ 11693/23.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub:
- jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fid-dokument PE-CONS 46/23 u d-dikjarazzjoni konġunta kif tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota, bil-Greċja tastjeni;
 - jiddeċiedi li jippubblika d-dikjarazzjoni kif tinsab fl-Addendum 1 fis-Serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
5. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 1 u l-Addendum 2 għal din in-nota.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
